# SOLiDarity

for public service employees engaged in social solidarity

MINISTRY FOR THE FAMILY
CHILDREN'S RIGHTS
& SOCIAL SOLIDARITY
MALTA



17

SUMMER
2019

MINISTRY FOR THE FAMILY, CHILDREN'S RIGHTS AND SOCIAL SOLIDARITY

Ministry for the Family,
Children's Rights
& Social Solidarity

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR RIGHTS OF PERSONS WITH DISABILITY & ACTIVE AGEING

Parliamentary Secretariat for
Rights of Persons with Disability
& Active Ageing

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR SOCIAL ACCOMODATION

Parliamentary Secretariat
for
Social Accommodation

Office of
the Permanent Secretary

Aġenzija SAPPORT

Benefits Compliance
Directorate

Commissioner
for Children

Commissioner
for Older Persons

Commission
for the Rights of Persons
with Disability

Department
for Active Ageing
and Community Care

Department
of Social Security

Directorate
Corporate Services

Directorate General
Social Policy

Directorate Operations

Financial Governance
Directorate

Foundation for
Social Welfare Services

Malta Housing Authority

Policy Development and
Programme
Implementation
Directorate

SCSA SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

Social Care Standards
Authority

SOLiDarity

for public service employees engaged in social solidarity

All correspondence is to be mailed to
peter.miceli-saydon@gov.mt

# Editorjal




Fis-7 ta' Mejju 1956, il-Parlament Malti għadda l-ewwel liġi ta' sigurtà soċjali. Fis-sena 2006, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali organizza numru ta' attivitajiet biex ifakkar dan l-avveniment storiku. Minn dakinhar, din l-idea ntgħoġbot u baqgħet tkun organizzata ta' kull sena u żviluppat f'dik li llum tissejjaħ id-*DSS Week* li l-kulminu tagħha tkun attività għall-istaff kollu li llum saret id-*DSS Celebration Day*.



Din is-sena wkoll l-attivitajiet infirxu fuq ġimgħa sħiħa. Bdejna nhar it-3 ta' Mejju bl-ogħti tad-demm - attività organizzata flimkien mal-Parlament ta' Malta.

Fis-6 ta' Mejju kellna t-tħawwil ta' siġar. Tajjeb ngħidu li mill-2006 sal-lum, id-Dipartiment ħawwel 'l fuq minn 250 siġra.

Fis-7 ta' Mejju kellna jum ta' għarfien dwar is-saħħa, fejn l-istaff kellu l-opportunità jagħmel diversi testijiet b'xejn. Din l-attività se tirrepeti ruħha wkoll għal dawk li ma setgħux jattendu minħabba d-dmirijiet tagħhom.

Fit-8 ta' Mejju, kellna l-inawgurazzjoni tas-sistema ġdida tad-dawl mal-faċċata ta' *Palazzo Ferreria* li tajjeb ngħidu li għadu għaddej il-proċess ta' restawr fuqu.



Fid-9 ta' Mejju, kellna jum ta' ħidma volontarja fil-*creche* tas-Sorijiet Ursolini f'Tas-Sliema. Matul dan il-jum, ippreżentajna wkoll lil dan l-istitut is-somma ta' €500 li nġabru waqt il-bejgħ ta' ponsjetti li kellna fil-Milied li għadda.



Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, nhar l-10 ta' Mejju, kellna id-*DSS Celebration Day* fejn l-istaff kollu iltaqa' f'lukanda ewlenija. Wara li ġie indirizzat mill-Ministru Dr. Michael Falzon, mis-Segretarju Permanenti Mark Musù permezz ta' messaġġ irrekordjat u mid-Direttur Ġenerali Grazio Barbara, l-istaff kellu żewġ preżentazzjonijiet ferm edukattivi - l-ewwel dwar ir-relazzjonijiet minn Dr. Nicholas Briffa u t-tieni min-nutrizjonista, Sharon Vella. Imbagħad kien hemm sezzjoni ta' eżerċizzji fiżiċi. Fl-aħħarnett, kulħadd inġabar f'sala fejn l-istaff tħallat flimkien waqt li kien divertit bil-mużika pprovduta mill-*band* Sterjotipi u kellu ikla flimkien.



Is-sezzjoni tal-*Events* fi ħdan id-*Directorate Oprerations* li torganizza dawn l-attivitajiet u diversi oħrajn, tirringrazzja lil kull min jagħti s-sapport tiegħu biex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess u jagħmlu l-istaff kburi bil-ħidma fejjieda tiegħu.

Peter Miceli Saydon
Editur

# Getting Off the Beaten Track with Marvic

TIBET – THE ROOF OF THE WORLD

Tibet, the remote and mainly-Buddhist territory known as 'The Roof of the World', is an autonomous region of China. For centuries this mysterious Buddhist kingdom, locked away in its mountain stronghold of the Himalaya, has wielded a unique hold on the imagination of the West.

Introducing Tibet:

For many visitors, the highlights of Tibet will be of a spiritual nature – magnificent monasteries, prayer halls of chanting monks, and remote cliffside meditation retreats. Tibet's pilgrims, from local grandmothers murmuring mantras in temples heavy with the aromas of incense and yak butter to hard-core professionals walking or prostrating themselves around Mt Kailash, are an essential part of this experience. Tibetans have a level of devotion and faith that seems to belong to an earlier, almost medieval age. It is fascinating, inspiring and endlessly photogenic.

Tibet's other big draw is the ultimate beauty of the highest plateau on earth. Geography here is on a humbling scale and every view is illuminated with spectacular mountain light. Your trip will take you past glittering turquoise lakes, across huge plains dotted with yaks and nomads' tents, and over high passes draped with colourful prayer flags. Hike past the ruins of remote hermitages, stare open-mouthed at the north face of Everest or make an epic overland trip along some of the world's roughest roads.

Whatever your interests, your lasting memories of Tibet are likely to be of the bottle of beer you shared in a teahouse, the yak-butter tea offered by a monk in a remote monastery or the picnic enjoyed with a herding family on the shores of a remote lake. Always ready with a smile, and with great tolerance and openness of heart despite decades of political turmoil and hardship, the people truly make travelling in Tibet a profound joy.

Top Experiences in Tibet:

In the historic centre of Lhasa be amazed by the Jokhang Temple and the splendour of the Dalai Lama's Potala Palace, while walk the monastery kora around the Barkhor pilgrim circuit. Witness monks in debate at Sera Monastery, and find a quiet spot in a prayer hall full of chanting monks at Drepung and Ganden monasteries.

In Shigatse visit Tashilhunpo Monastery seat of the Panchen Lama and the eerie fortress-like Sakya Monastery. Head to Gyantse famed for the multi-storey chorten, and Samye Monastery spectacularly sited along the mighty Yarlung Tsangpo.

From Everest Base Camp and Rombuk, the highest monastery in the world, experience incomparable views of the immeasurable North Face. Your trip will take you past the sparkling sacred lakes of Namtso and Yamdrok, and over mountain passes adorned with prayer flags.

Spectacular scenery and encounters with one of the world's most fascinating cultures make this a truly incredible experience. Tibet is without doubt one of the most remarkable places to visit in Asia.

Marvic Cordina DTTC
Boutique Travel Specialist

As a Boutique Travel Specialist, I specialize in personalized itineraries and private small groups to destinations across Asia, Latin America, Southern Africa and Eastern Africa. For more details, you can contact me at marvic.cordina@traville.net



## Ippjanar u Twettiq għas-servizz tal-familja



Kull organizzazzjoni, privata u mhix, tgħaddi minn fażi ta' tiġdid biex tingħata impetu u nifs ġdid biex tibqa' relevanti u tlaħħaq mal-kambjament li jkun qed jagħfas madwarha minħabba sfidi ġodda fis-soċjetà jew xejriet kompettitivi li jkunu feġġew fis-swieq li tkun topera fihom.
Dawk fit-tmexxija jgħarralhom jekk jitnikkru jew jinjoraw ir-riħ u l-ħeffa tal-bidla għaliex jissograw li l-entità tagħhom tiġġamja u ssir irrelevanti, bil-periklu li tfalli jew finanzarjament inkella fil-missjoni tagħha. L-istorja turi li daqskemm kien hawn ażjendi ta' suċċess li waqgħu lura għaliex staġnaw, daqstant ieħor kien hemm entitajiet li għarfu jdawru l-isfidi f'opportunajiet bis-saħħa ta' programmi ta' rinnovament.
Ħarsa lura lejn kemm ili fit-tmun ta' dan il-Ministeru turini li għalkemm l-imgħoddi ma ttraskurajniehx, għarafna naħsbu sew fil-ġejjieni billi fassalna u wettaqna programmi u strateġiji biex nilqgħu għall-isfidi fis-soċjetà Maltija u jkollna servizzi soċjali aħjar u sostenibbli. Bi tnaqqis fil-burokrazija fittixna li nagħmluha aktar faċli li kull minn ħaqqu jieħu servizz fil-pront u kif inhu xieraq.
It-tħejjijiet għal żewġ laqgħat importanti f'April u Mejju dwar il-ħidma tal-Ministeru tawni l-opportunità li nixtarr u nwieżen dak li fassalna u wettaqna biex wasalna fejn wasalna.
Għamilna diversi konsultazzjonijiet pubblici biex nagħrfu aħjar x'inhuma l-ħtigijiet u l-aspirazzjonijiet u sawwarna strateġiji u programmi ta' ħidma f'diversi oqsma li jolqtu l-familji mill-viċin. Bdejna bil-politika strategika biex jonqos il-faqar u tikber l-inkluzjoni soċjali u komplejna b'dawk dwar l-anzjanità attiva, id-dimensja, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, il-protezzjoni u t-trobbija pożittiva tat-tfal u l-adozzjoni. Ħrigna wkoll strategija dwar is-sostenibilità u l-adegwadezza tal-pensjonijiet. L-aħħar konsultazzjoni li saret kienet dik dwar is-suq tal-kera.
L-inizjattivi li nibtu ġew infilzati fil-qafas tal-ħidma tal-Ministeru flimkien mal-proposti tal-programmi soċjali tal-Gvern. Minħabba l-ispejjeż involuti u l-firxa wiesgħa tal-miżuri t-twettiq tagħhom ried isir fuq medda ta' snin, fassalna pjan biex f'kull baġit tal-Gvern ressaqna miżuri biex nagħtu spinta favur l-inklużjoni soċjali u aktar familji jkollhom dħul finanzjarju adegwat, u li f'każ ta' problemi u diffikultajiet soċjali, isibu kull għajnuna meħtieġa.
Biex wettaqnihom in-nefqa globali tal-ministeru kibret b'aktar minn €628m biex se nkunu qed nersqu lejn nefqa totali ta' €1.8bn, bl-akbar żieda tmur fuq il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, li waħedhom din is-sena se jiswew aktar minn biljun ewro.

## Programm riformattiv

Fix-xogħol il-bniedem isib iċ-ċavetta ta' għajxien aħjar u dinjità u għalhekk fittixna li ngħinu lil dawk f'riskju ta' faqar biex jinfatmu mid-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali. Dan sar permezz ta' programm riformattiv imsejjes fuq il-prinċipju li bix-xogħol jaqbillek – *Making Work Pay*. Il-miżuri ewlenin kienu dawk tat-*tapering* u tal-*In-Work Benefit*, li flimkien mal-iskema taċ-*Childcare* b'xejn, kellhom impatt qawwi fit-tnaqqis tal-qgħad, fl-għadd akbar ta' nisa li daħlu fid-dinja tax-xogħol u fit-tnaqqis ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali.
Is-suċċess u s-siwi tal-miżuri ngħataw għarfien mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà Soċjali (ISSA) bl-għoti ta' Ċertifikat ta' Mertu b'Referenza Speċjali f'konkors internazzjonali dwar proġetti soċjali. Għall-premjazzjoni li saret f'Baku l-Ażerbaijan telgħu d-Direttur Ġenerali għas-Sigurtà Soċjali Grazio Barbara u d-Direttur għall-Osservanza tal-Benefiċċji George Cremona

li barra li rċievew l-unur f'isem il-Ministeru taw preżentazzjoni dwar kif tmexxa l-pakkett ta' miżuri u r-riżultati miksuba fosthom it-tnaqqis ta' aktar minn 50 fil-mija fl-għadd ta' dawk li jgħixu fuq l-għajnuna soċjali.
It-tnaqqis qawwi fl-għadd ta' benefiċjari b'riżultat tal-miżuri, f'erba' snin issarraf fi ffrankar ta' aktar minn €41m fin-nefqa fuq l-għajnuna soċjali. Dawn ma jinkludux il-madwar €4m oħra fis-sena li jiġu ffrankati mix-xogħol siewi li jsir mid-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji fil-ħidma tiegħu kontra l-abbuż. Dawn il-flus mhux qed jintilfu iżda qed iservu biex inwettqu miżuri b'risq persuni b'diżabilità, pensjonanti u anzjani li jibqgħu jgħixu fi djarhom.

Pensjonanti u anzjani

Fil-qasam tal-anzjani wettaqna 'l fuq minn 70 miżura ta' fejda, l-aktar billi żidna l-pensjonijiet ta' eluf ta' pensjonanti kemm kontributorji u mhumiex. Barra minn hekk għaddej eżerċizzju importanti biex nirrevedu pensjonijiet tal-irtirar u tar-romol f'sintonija ma' titjib li jkun seħħ fi ftehim kollettiv għall-impjegati fis-servizz pubbliku, fis-settur pubbliku u dak privat. S'issa ġew miflija 'l fuq minn 65,000 każ abbażi ta' 50 ftehim kolletiv. B'riżultat ta' dan, tjiebu l-pensjonijiet speċjalment ta' dawk il-persuni fuq rati baxxi u medji.
Il-politika tal-Ministeru dwar l-anzjanità hija mmirata biex, kemm jista' jkun, l-anzjani jibqgħu jgħixu fil-komunità. Għal dan il-għan ħloqna assistenza finanzjarja għal anzjani li jimpjegaw magħhom persuna, *full time* jew *part time*, biex tgħinhom jibqgħu jgħixu f'darhom filwaqt li tejjibna l-ħlasijiet u l-kundizzjonijiet ta' dawk il-persuni li jikkuraw lil qrabathom fir-residenza tagħhom permezz tar-riforma fl-*Allowance* tal-*Carers*.
Id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità kabbar il-firxa tas-servizzi fil-komunità biex ikun ta' aktar sostenn mal-anzjani li jagħżlu jkomplu jqattgħu ħajjithom fl-ambjent li kibru fih. Madwar 3,400 familja u kważi 24,000 persuna jinqdew regolarment b'dawn is-servizzi, fosthom bit-tqassim ta' ikel fid-djar u bis-servizz ta' għajnuna fid-dar permezz tal-iskemi tal-*Home Help* u *Meals on Wheels*.
Minkejja dan, xorta tibqa' tagħfas id-domanda minn anzjani li jfittxu kenn fi djar residenzjali. Biex nilqgħu għaliha f'dawn irdoppjana l-għadd ta' sodod fi djar tal-Gvern, f'San Vinċenz de Paul u fi djar privati u tal-Knisja, fejn il-gvern jixtri s-sodod. Il-pjan huwa li nkomplu nżiedu l-għadd ta' sodod, inkluż f'San Vinċenz de Paul fejn tajna bidu għal proġett ta' bini ta' swali biex inkunu nistgħu nikkuraw 500 persuna oħra mal-1,100 anzjan u anzjana b'dipendenza għolja li diġà hemm fir-residenza. B'żieda ma' dan għaddej programm intensiv ta' rinovar f'għadd ta' swali ġewwa San Vinċenz.

Familji u tfal

Ħsibna wkoll fl-ulied li huma l-ġenerazzjoni ta' għada għaliex tfal imrobbija f'ambjent familjari stabbli u sod jitrawmu f'ċittadini li jemmnu fihom infushom u jkunu kapaċi jimxu 'l quddiem fil-ħajja.
Fost il-miżuri li wettaqna favur it-tfal u l-familji tagħhom, kien hemm iż-żidiet fiċ-*Children's Allowance* u fl-għajnuna li tingħata lil *foster carers*. Lil dawn il-*carers* qed naħsbu biex nagħtuhom id-dritt li jaddottaw it-tfal wara numru ta' snin taħt il-ħarsien tagħhom.
Għal dawk il-koppji li jmorru f'pajjiżi oħra biex jaddottaw l-uliedhom qed nagħtuhom għajnuna sa massimu ta' €10,000 biex ikopru l-ispejjeż tagħhom.
Għaddejja wkoll ħidma kbira mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għal Trobbija Pożittiva tat-Tfal.

Persuni b'Diżabilità

L-impenn favur il-persuni b'diżabiltà huwa fil-qofol tal-politika soċjali tal-Ministeru. Wettaqna diversi miżuri li għamlu differenza fil-ħajja ta' dawn il-persuni, b'mod partikulari billi kattarna l-opportunitajiet ta' xogħol permezz ta' inċentivi fiskali u ta' eżenzjoni mill-ħlas tas-sigurtà soċjali lil min iħaddem biex jimpjegaw persuni b'diżabilità. Barra minn hekk ġiet infurzata liġi biex 2% ta' ħaddiema fl-ażjendi jkunu persuni b'diżabilità.
Bis-saħħa ta' dan kollu, mijiet ta' persuni

b'diżabilità sabu għajxien indipendenti. Illum kważi nofs ta' dawk li jieħdu l-Assistenza għal Diżabilità jinsabu fid-dinja tax-xogħol.

Għal dawk li bl-ebda mod ma jistgħu joħorgu jaħdmu permezz ta' riforma ħloqna l-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa biex huma wkoll ikollhom dħul xieraq. Fi tliet snin il-benefiċjarji ta' din l-assistenza resqin lejn is-600 fejn id-dħul ta' dawn żdiedu b'aktar minn €2,500 fis-sena. Fil-pass li u jmiss, huma ser jieħdu żieda oħra biex b'hekk l-assistenza li jirċievu tkun fl-istess livell tal-Paga Minima Nazzjonali netta. Għal familji ta' 1,400 tifel u tifla taħt is-16-il sena li jsofru xi forma ta' diżabilità fiżika jew intellettwali għollejna mill-ġdid l-*allowance* li jitħallsu fil-gimgħa.

Sawwarna Politika Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità li l-għan aħħari tagħha huwa li mhux biss ittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' dawn il-persuni u tal-familji tagħhom iżda wkoll tiżgura li jiġu ttrattati daqs persuni oħra. F'dan il-kuntest bnejna katina ta' djar f'diversi lokalitajiet bħala parti mill-proġett Soċjetà Ġusta ntiż biex jagħti l-opportunità lill-persuni b'diżabilità jgħixu ħajja indipendenti fil-komunità.

## Tnaqqis fil-faqar

Impenn ewlieni tal-programm soċjali li qed nimplimentaw flimkien huwa li nnaqqsu l-faqar fostna. Il-miżuri u l-inizjattivi li ħadna ħallew impatt fuq in-numru ta' nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Skont l-aħħar ċifri tal-*Eurostat* bejn l-2013 u l-2017 l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar sena wara oħra niżel b'mod konsistenti minn 102,000 għal 87,000.

Ir-rata ta' dawk imċaħħda materjalment u severament fl-2017 kienet ta' 3 fil-mija - terż tar-rata fl-2013 u nofs tal-medja Ewropeja meta minn 43,000 niżżilnihom għal 14,000.

Dan it-titjib jimlina b'kuraġġ u ħerqa li nissoktaw nippjanaw u nwettqu biex aktar nies ikomplu jitbiegħdu mill-faqar.

## *Housing*

Daqskemm huwa dritt fundamentali tal-bniedem li jkollu għajxien diċenti, daqstant ieħor huwa dritt li familja jkollha saqaf fuq rasha.

F'dan il-qasam, l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiż qanqal realtijiet ġodda minħabba domanda akbar għal kiri ta' postijiet u prezzijiet ogħla tal-propjetà. Biex nilqgħu għalihom l-Awtorità tad-Djar, fost skemi oħra, irdoppjat il-benefiċċju fuq il-kera fuq residenzi mikrija mill-privat u ser tgħin finanzjarjament persuni ta' 'l fuq minn 40 sena li jsibu diffikultajiet biex jixtru proprjetà wara li jkun falla ż-żwieg tagħhom.

Biex jitwarrbu l-inċertezzi fis-suq tal-kiri qed jitħejjew regolamenti bil-għan li tinħoloq stabbilità u tiżdied it-trasparenza fir-relazzjoni bejn il-kerrej u s-sid.

Fl-istess waqt biex l-Awtorità tkun aktar f'qagħda li tissodisfa t-talba għall-akkommodazzjoni soċjali ġie varat proġett estensiv ta' bini ta' 1,700 unit ġdid f'diversi lokalitijiet.

## Simplifikazzjoni

Parripassu mat-titjib fil-benefiċċji u s-servizzi, aġġornajna u ssimplifikajna l-proċess amministrattiv biex iċ-ċittadini jinqedew aħjar u bil-kumdità. U biex jonqos l-iskariġġ u nkunu eqreb taċ-ċittadin, barra s-servizz li nagħtu mill-uffiċċji distrettwali qegħdin preżenti wkoll f'ħames ċentri reġjonali u fiċ-Ċentru Servizz Familja fil-Furjana bħala parti mill-proġett servizz.gov.

Filwaqt li tħaffef ix-xogħol amministattiv u kibret l-effiċjenza, eluf ta' familji u persuni bbenefikaw mill-programm ta' simplifikazzjoni b'7 *mobile services* ġodda, 7 *benefit calculators*, 96 *E-form* u 45 miżura ta' simplifikazzjoni f'6 snin.

## Konklużjoni

Din kienet biss ħarsa ħafifa lejn il-ħidma kbira li wettaqna u għadna nwettqu lkoll flimkien, ħidma ppjanata u maħsuba primarjament biex tkun ta' sostenn għall-pensjonanti u dawk l-aktar vulnerabbli, iżda mhux biss. Ħidma ggwidata mill-erba' pilastri tas-servizzi ta' kwalità – il-vuċi, id-disinn, il-pakkett u l-kontabilità. Ħidma li qed issarraf f'aktar titjib għall-klijenti primarji tagħna – il-familji Maltin u Għawdxin. Ta' dan minn qalbi ngħid grazzi lilkom il-ħaddiema kollha li taħdmu f'dan il-Ministeru hekk kbir.

Mark Musù
Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

# Lejn ġenerazzjoni kiesħa

Tonio Bonello, Ġurnalist u Opinjonist

Filmat li rajt ftit ilu ħallieni bla kliem. Fil-Ġappun, tifel ta' bejn tlieta u erba' snin li kien għaddej m'ommu fuq bankina, hi miexja u hu fuq *tricycle*. F'ħin minnhom, sakemm l-omm dawret wiċċha n-naħa l-oħra, dan it-tifel iddeċieda li jinżel mill-bankina u erħilha għal nofs it-triq b'kemm jimxi fuq din ir-rota.

Din mhix xi ċajta. It-triq kienet *high-way* Ġappuniża. Fl-eqqel tat-traffiku. L-għajjat tal-omm ma sewa ta' xejn għaliex it-tifel iddeċieda li jibqa' għaddej qisu mhux hu minn karreġġjata għall-oħra ta' din il-*high-way* immensa.

Interessanti kienet ir-reazzjoni tas-sewwieqa. Ħadd. Proprju ħadd minnhom ma ħass xi xokk għal dak li kien qed jiġri quddiemhom. Sempliċiment resqu lejn ġenb jew ieħor, inkella waqfu għal xi ħin sakemm it-tifel baqa' għaddej minn quddiemhom fi triqtu. U jekk hu kompla fi triqtu (li żgur ma kienx jaf) dawn is-sewwieqa komplew fi triqthom bħal li kieku xejn m'hu xejn!

B'miraklu u xejn anqas minn miraklu, it-tifel kompla jdur u jagħqad madwar il-karozzi għaddejjin sakemm wieħed pulizija li nzerta kien għaddej, waqqaf vettura li t-tifel dak il-ħin inżerta quddiemha, ġabar lit-tifel u r-rota tiegħu u ħadhom fuq il-bankina. L-istorja ġiet fi tmiem tajjeb. Iżda setgħet spiċċat fl-akbar traġedja!

Il-qofol ta' dan il-kummentarju mhux l-aktar biex niffokka dwar dan it-tifel innoċenti. U lanqas dwar l-omm. Iżda dwar il-kultura Ġappuniża. Dawk l-għexieren ta' sewwieqa li dak il-ħin inzertaw qed isuqu flimkien mat-tifel, fil-*high-way*.

Fost dawn is-sewwieqa, nistaqsi, possibbli ma kien hemm ħadd li għandu t-tfal u li allura ma ħassewx jew bassrux li traġedja kbira setgħet tiġri minn mument għall-ieħor?... Fost dawn is-sewwieqa ma kien hemm ħadd li ta l-ewwel attenzjoni, prijorità lil dan it-tifel f'daqstant periklu, aktar milli ħassew li kellhom ikomplu fi triqthom u jkomplu b'ħajjithom bħal li kieku ma raw xejn?...



Fost din il-kultura ngħid jien, allura l-bniedem sar daqstant kiesaħ minn ġewwa, tant passiv, aljenat, bla qalb, ruħ, kuxjenza li jdawwar wiċċu n-naħa l-oħra quddiem sitwazzjoni tali?...

Qbajt naħseb aktar... Ftakart li kull meta xi ħadd mill-familja mar sal-Ingilterra għal xi jiem, dawn dejjem ġew jirrakuntaw dwar din il-kultura kiesħa li sabu tilqagħhom fl-Ingilterra. Kiesħa mhux neċessarjament il-karattru tal-persuna kiesaħ. Kiesaħ hawnhekk infisser, persuna li tiġi taqa' u tqum.

Mhux l-ewwel darba li smajt rakkonti ta' Maltin f'toroq ewlenin ta' Londra jaraw xi anzjan jew anzjana jaqgħu mal-art u kulħadd jibqa' għaddej minn ħdejhom litteralment qishom ma raw xejn. Jew persuna li qed tisfa' misruqa, inkella xi tifel li għandu persuni qed jiġru warajh, u ħadd ma jagħti kas.

U dan kollu ma jfakkarniex sempliċiment fil-kultura Ingliża, Ġappuniża u tant oħrajn. Dan kollu jfakkarni f'dawn il-gżejjer stess. Iva, forsi mhux f'dan l-estrem. Iżda f'ġieħ Alla l-imbierek, jekk intkom issuqu fit-triq bħali, mhux qed tinnutaw kultura fejn donnha spiċċat l-etika, is-solidarjetà, is-sens li nċedu biex jgħaddi ħaddieħor!... Mhux qed tinnotaw li kważi, bil-kemm fuq *zebra-crossing*, sewwieqa saru jieqfu biex jgħaddu għan-naħa l-oħra persuni, anke jekk dawn jinzertaw tfal jew anzjani?...

Meħtieġ nerġgħu nibdew nagħtu lura s-sens ta' valur tal-bniedem, tal-persuna, tal-ħajja. Jekk le, ekonomikament nistgħu nagħmlu ħafna progress, iżda le, ma nkunux qed nimxu bl-istess qies mar-rispett li għandu jkollna lejn xulxin, bniedem lejn l-ieħor. Jekk il-mixja 'l quddiem ma tkunx ħolistika, jista' jkollok poplu sinjur kemm trid fil-flus, però daqstant ieħor fqir fis-sens uman, altruist u ta' solidarjetà.




Lawrence Zammit

Lawrence Zammit, iżjed magħruf ma' kulħadd bħala Wenzu, ilu jaħdem mal-Gvern ta' Malta mill-1979, jiġifieri 40 sena.

Dejjem ħadem ta' xufier.

Bħala xufier kien jaħdem f'diversi dipartimenti u entitajiet.

Uħud minnhom huma Kastilja, mal-Uffiċċju tal-Kabinett, mal-Ambaxxata ta' Malta fil-Libja, mal-Industrija, mal-*Foreign Office*, mal-Finanzi, mal-*Public Works* u f'dawn l-aħħar snin mal-Uffiċċju tal-*Permanent Secretary* fil-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

Wenzu huwa miżżeweġ u għandu tlett itfal.

Wenzu qatt ma jiftakar li kellu nkwiet fix-xogħol tiegħu.

Li jiftakar Wenzu huma xi praspar li kellu matul il-ħidma tiegħu.

## XEWQAT

Kemm nixtieq li ngħix ġo dinja
Fejn il-mard ma jeżistix
Fejn il-gwerra hi biss ħrafa
Dan l-inkwiet kollu għaliex?

Kemm nixtieq li ngħix ġo dinja
Fejn il-mewt ma żżurx it-tfal
Fejn il-bombi ma jinżlux fuqhom
Ghalfejn iduqu dan l-imrar?

Kemm nixtieq li ngħix ġo dinja
Fejn kulur il-ġilda ma jimpurtax
Fejn l-għajnejn blu u dawk kannella
Jaraw l-imħabba minn kullħadd.

Josephine Tonna
Uffiċċju Distrettwali tar-Rabat



Fosthom jiftakar meta kien jidħol quddiem Ministru partikolari u dan kien jitolbu jagħmillu te jew kafè. U Wenzu kien jagħmillu te jekk jitolbu kafè u kafé jekk jitolbu te. U darba fost l-oħrajn minnhom, Dan il-Ministru ma felaħx iżjed u qal lil Wenzu biex ma jersaqlux iżjed lejn l-uffiċċju tiegħu.

Wenzu huwa supporter kbir tat-tim ingliż tal-futbol ta' Manchester United.

Iħobb isiefer u żar ħafna mill-ibliet Ewropej bħal Barċelona, Ruma, eċċ.

Grazzi kbira lil Wenzu u nawgurawlu iżjed snin ta' ħidma u li jakkwista dak kollu li tixtieq qalbu.

**Support Groups for Siblings of Persons with Disability**

In adherence with the Agency's holistic and person-centred approach, the Sapport Social Worker Services facilitate support groups for adults who have a sibling with a disability.

The support group gives the opportunity to siblings of persons with disability to share their experiences and feelings. The agenda of these sessions includes imparting information regarding various topics of interest related to disability and supporting a sibling with disability.

These support groups are evidence of the loving concern for the family member who will have the longest-lasting relationship with a person who has a disability. For the people who attend, these sessions are very fruitful events where they will meet other siblings, usually for the first time, have fun, laugh, talk about the good and challenging parts of having a sibling who has a disability, learn something about the services their brother / sister receives, and evaluate matters for the future. The sessions are organised by a group of Social Workers who work in the disability sector.

Apart from mutual support and sharing of experiences, a number of topics are covered and guests speakers are also invited to provide more knowledge on specific topics. Some of the subjects tackled include the siblings' feelings, the impact on their life decisions and planning for the future in view of the services available as well as the various legal implications regarding disability.

These workshops can be beneficial for the individual who attends, but they are not therapy. This workshop model takes a wellness perspective. They are truly a way of how to evaluate and celebrate the many lifelong contributions made by the family nucleus, in particular brothers and sisters, of persons with disability.

Following the positive feedback given by the participants of the previous groups, the Agency is currently planning to coordinate another group starting in summer 2019. The maximum number is of 20 participants and it is on a first-come first-served basis. Session details will be communicated to the applicants.

Any person who is a sibling of a person with disability, is over 18 years of age and is interested to benefit from these workshops can contact Aġenzija Sapport on 22568000 or visit the Workshops section on the Agency's website www.sapport.gov.mt for further information and a copy of the application form. These workshops are free of charge!

Aġenzija Sapport also provides a number of services and schemes for persons with disability. Follow us on Facebook for regular updates about the Agency.

---




In 2014, the Government of Malta enacted a host of active labour market policies termed "Making work pay", with the aim of boosting the potential of the Maltese economy, reducing welfare dependency by incentivising inactive or unemployed persons to work and, in the process, enabling Maltese citizens at large to enjoy a higher standard of living.

This was recognized earlier this year, by the International Social Security Association (ISSA). During the month of May 2019, Grazio Barbara and George Cremona received in the name of the Ministry for the Family, Childre's Rights and Social Security the certificate of merit in Baku, Azerbaijan.

# Solid Fun

## Sudoku

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | | | | | | 8 | 9 | |
| | | 4 | | 7 | | 6 | 5 | |
| 8 | | | | 1 | | | 2 | 4 |
| 3 | | | 7 | | | | 6 | |
| 7 | | | | 5 | | | | 8 |
| | 8 | | | | 2 | | | 9 |
| 2 | 7 | | | 9 | | | | 6 |
| | 6 | 3 | | 8 | | 9 | | |
| | 5 | 1 | | | | | | 7 |

## Find the words

BACH, BEETHOVEN, BERLIOZ, BIZET, BRAHMS, CHOPIN, DEBUSSY, DONIZETTI, FRANCK, HAYDN, LISZT, MENDELSSHON, MOZART, OFFENBACH, PURCELL, ROSSINI, SCHUBERT, SCHUMANN, STRAUSS, TCHAIKOVSKY, TELEMANN, VERDI, VIVALDI, WAGNER.

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | U | T | C | T | B | I | N | U | W | A | G | N | E | R |
| L | D | I | H | P | R | S | C | H | U | B | E | R | T | B |
| I | E | M | O | Z | A | R | T | V | I | V | A | L | D | I |
| S | R | L | P | E | H | S | T | A | O | T | E | L | P | Z |
| Z | R | O | I | S | M | S | I | H | M | O | Q | E | U | E |
| T | E | C | N | H | S | I | T | M | B | V | A | C | T | T |
| D | D | O | N | I | Z | E | T | T | I | E | D | R | O | S |
| D | E | S | N | U | E | D | O | S | T | R | A | U | S | S |
| S | P | D | E | B | U | S | S | Y | O | D | R | P | K | E |
| L | N | D | Y | A | H | B | E | R | L | I | O | Z | C | P |
| R | O | X | S | C | H | U | M | A | N | N | I | M | N | O |
| V | E | T | C | H | A | I | K | O | V | S | K | Y | A | R |
| M | E | N | D | E | L | S | S | H | O | N | A | N | R | O |
| G | K | E | R | H | S | H | C | A | B | N | E | F | F | O |
| T | E | L | E | M | A | N | N | R | O | S | S | I | N | I |



## Cold

How do you prevent a Summer cold?
Catch it in the Winter!

## Traffic lights



Q: When do you go at red and stop at green?
A: When you're eating a watermelon.

## TheBeach



Our first day at a resort my wife and I decided to hit the beach. When I went back to our room to get something to drink, one of the hotel maids was making our bed. I grabbed my cooler and was on my way out when I paused and asked, "Can we drink beer on the beach?" "Sure," she said, "but I have to finish the rest of the rooms beforehand."

## Letter Carrier



Teacher: Johnny, please use the words “letter carrier” in a sentence.
Johnny: Yes, ma’am. “My dad said that after seeing how many things my mom was bringing on vacation, he would rather letter carrier own luggage.”

# Chocolate Chip Banana Bread

Ingredients

1 cup vegetable oil
1 & ½ cups flour
1 cup sugar
1 teaspoon baking soda
½ teaspoon salt
2 eggs, lightly beaten
3 bananas, mashed (1 cup mashed bananas)
1 cup chocolate chips



Method

Preheat the oven to 190°C.
Grease and flour a 20 centimetre by 12 centimetre loaf tin (you can use baking spray).
In a large bowl, whisk together the flour, sugar, baking soda and salt.
Mix in the oil, bananas and eggs.
Stir in the chocolate chips. Do not over mix.
Pour into the prepared tin.
Bake until a toothpick inserted in the centre comes out clean, about 60 to 80 minutes.
Cool the loaf in the tin for 10 minutes.
Then, turn out and let cool completely, right side up.

Note

This is a classic banana bread - moist and full of chocolate chips.
It is a great way to use the overripe bananas.
It also freezes well, wrapped in foil for up to 3 months.
As for the measure in cups, as long as you use the same cup, you will get a good result.